Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 18,740, 26 ta' April, 2011
Taqsima B

A.L. 160 tal-2011

ATT DWAR L-AWTORITÀ GĦAT-TRASPORT F'MALTA (KAP. 499)

Regolamenti tal-2011 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Restrizzjoni ta' Titjir fl-Avjazzjoni Ċivili

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 43 tal-Att dwar l-Awtorità għat-Trasport f'Malta, il-Ministru għall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni, b'konsultazzjoni mal-Awtorità għat-Trasport f'Malta, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2011 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Restrizzjoni ta' Titjir fl-Avjazzjoni Ċivili u dawn għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti tal-2002 dwar Restrizzjoni ta' Titjir fl-Avjazzjoni Ċivili, hawn aktar 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". A.L. 122 tal-2002.

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

2. Fir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali, minflok it-tifsira "Direttur" għandha tidħol din it-tifsira li ġejja:

" "Direttur Ġenerali" tfisser id-Direttur Ġenerali għall-Avjazzjoni Ċivili f'Malta u, skond kemm tista' tingħata awtorità, kull min ikun hekk awtorizzat għaldaqshekk mid-Direttur Ġenerali;".

Jemenda r-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali.

3. Fir-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali, minflok il-kliem "matul ix-xahar ta' Ġunju ta' kull sena", għandhom jidħlu l-kliem "matul kull wieħed mix-xhur ta' Mejju, Ġunju u Lulju ta' kull sena".

Jemenda r-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali.

4. Fir-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali, minflok il-kliem "id-Direttur", kull fejn dawn jinsabu, għandhom jidħlu l-kliem "id-Direttur Ġenerali".